11 ta' Ottubru, 1954

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., ***President***;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.
Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Il-Maestà Tagħha r-Reġina *versus* Marianna Attard

**Att ta' l-Akkuża — Nullità — Ċitazzjoni — Korrezzjoni — Kompetenza — Qorti ta' Kriminali Ġudikatura u Qorti ta' Kriminali Istruzzjoni — Art. 401 tal-Kodiċi Kriminali**

*Meta ċ-ċitazzjoni oriġinarja maħruġa kontra l-imputat tirrakkjudi imputazzjoni ta' reat anqas gravi, ma tistax dik l-imputazzjoni,*

*non ostante li fil-kors ta' l-indagini proċesswali tirrizulta ħtija aktar gravi, titbiddel l-akkuża oħra iżjed gravi minn dik oriġinarjament dedotta; u għalhekk il-Qorti tal-Maġistrati ta' Gudikatura Kriminali, li quddiemha tkun inġiebet il-kawża fuq l-imputazzjoni anqas gravi, ma tistax, billi r-reat jirriżulta mhux ta' kompetenza tagħha, tissospendi dik il-kawża biex tinfetaħ kumpilazzjoni dwar ir-reat aktar gravi li jkun irriżulta.*

*Għaliex l-artikolu rilevanti tal-Kodiċi Kriminali għandu jiġi nterpretat fis-sens li l-Qorti tal-Maġistrati tista' minn Qorti ta' Gudikatura tikkonverti ruħha f'Qorti Istruttorja meta l-fatt "imputat", u mhux il-fatt "riżultat", ikun ta' kompetenza eċċedenti dik tagħha bħala Qorti ta' Kriminali Gudikatura; u huwa kanone ta' ġustizzja kriminali li ħadd ma jista' jiġi punit għal reat iżjed gravi minn dak li għalih ġie akkużat, billi l-akkuża għarreat minuri tikkostitwixxi għall-akkużat dritt kweżit li ma jistax jiġi ritenut ħati ta' reat aktar gravi, jiġifieri ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali.*

*Nefja ma jiswa li ċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tista' tiġi varjata, billi fil-ġudizzji sommarji quddiem dik il-Qorti jistgħu jsiru xi korrezzjonijiet fiċ-ċitazzjoni għax din hija sempliċi ordni ta' komparizzjoni, u l-enunċjazzjoni tal-fattijiet fiha kontenuta ma tikkostitwixxix il-bażi essenzjali u assoluta ta' l-inkriminazzjoni; għax dan il-prinċipju għandu jiġi limitat għall-każi meta r-reat divers riżultat jibqa' dejjem ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Kriminali Gudikatura, u ma jistax jiġi estiż fis-sens li jawtorizza lill-Qorti tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Istruzzjoni fuq akkuża iżjed gravi. Il-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati tittrasforma ruħha f'Qorti Istruttorja fuq il-fatt "riżultat", minflok fuq il-fatt "dedott" biss, jikkostitwixxi alterazzjoni ta' l-akkuża bi preġudizzju tad-dritt kweżit ta' l-imputat, li ġie fatur tiegħu bl-akkuża kif oriġinarjament dedotta.*

*Għaldaqstant, att ta' l-akkuża li jiġi preżentat in segwitu għat-trasformazzjoni tal-Qorti ta' Gudikatura Kriminali f'Qorti ta' Kriminali Istruttorja f'ċirkustanzi simili, huwa null.*

Il-Qorti; — Rat l-att ta' l-akkuża nru. 9069, li biħ l-imsemmija Marianna Attard hija akkużata ta' offiża volontarja fuq il-persuna, ta' natura gravi, billi ġiebet marda talġisem li damet għal tletin ġurnata jew iżjed, u għal daqs-

hekk żmien żammet lill-affiża milli tattendi għax-xogħol tagħha;

Rat in-nota ta' l-imputata Marianna Attard, preżentata fis-16 ta' Settembru, 1954, li biha eċċepiet in-nullità ta' l-att ta' l-akkuża peress li għall-istess fatti msemmija fl-att ta' l-akkuża kienet ġiet maħruġa ċitazzjoni li kienet tirrakkjudi imputazzjoni ta' fatt anqas gravi, u li għadha pendenti quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta; liema imputazzjoni ma setgħetx titbiddel, anki jekk tul l-indaġini proċesswali rriżultat ferita gravi, għax l-akkuża qatt ma tista' titbiddel f'oħra iżjed gravi;

Rat in-nota ta' l-Attorney General ta' l-istess data, li biha oppona ruħu għall-eċċezzjoni fuq imsemmija ta' l-imputata;

Semgħet id-difensur ta' l-akkużata u l-Avukat tal-Kuruna;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li taw oriġini għall-imsemmija eċċezzjoni huma dawn;

L-akkużata kienet ġiet ċitata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti ta' Kriminali Ġudikatura, fuq l-akkuża li fl-21 ta' Settembru, 1953, fil-11.15 a.m., f'Tas-Sliema, kisret il-bon ordni publiku bi ġlied, u fl-istess ġlieda kkaġunat ferita ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Marianna Attard, mart Carmelo, skond iċ-ċertifikat ta' Dr. F. Pullicino. Fis-seduta miżmuma minn dik il-Qorti fil-15 ta' Ottubru, 1953, l-imsemmi Dr. Pullicino kkonferma dak iċ-ċertifikat, u l-kawża baqgħet differita għad-29 ta' Ottubru, 1953. F'din is-seduta deher l-istess Dottor Pullicino u ddikjara li, wara x-xhieda tiegħu fis-seduta ta' qabel, kellu okkażjoni li jerġa' jivviżita lil Marianna Attard, u wasal biex jissottomettiha għall-eżami radjoloġiku, peress li kellu suspett ta' xi frattura fil-falanġi, u ddikjara li qabel isir dak l-eżami ma setgħax jirrilaxxja ċertifikat finali. Il-kawża ġiet rimandata għat-12 ta' Novembru, 1953, u f'din id-data Dottor Pullicino ppreżenta ċ-ċertifikat finali, mnejn kien jidher li l-ferita fuq imsemmija kienet gravi per durata; u għalhekk il-Maġistrat sedenti ta digriet, u ordna li tinfetaħ kumpilazzjoni

peress li n-natura tal-leżjoni, li hija gravi per durata, ma kienetx ta' kompetenza ta' dik il-Qorti bħala Qorti ta' Kriminali Ġudikatura, u ħalla l-kawża "sine die" sabiex tinġieb quddiem il-Maġistrat li jmissu t-turn;

Ikkunsidrat;

Illi l-eċċezzjoni miġjuba l-quddiem mill-akkużata hija bażata fuq il-konsiderazzjoni li, ladarba ċ-ċitazzjoni oriġinarjament maħruġa *kontra tagħha* kienet tirrakkjudi imputazzjoni ta' fatt anqas gravi, ma setgħetx, non ostante li fil-kors ta' l-indaġini processwali rriżulta gravi per durata, titbiddel l-akkuża kontra tagħha f'oħra iżjed gravi;

Ikkunsidrat;

Illi s-sottomissjoni ta' l-akkużata hija konformi għall-ġurisprudenza prevalenti fil-materja (ara Appell Kriminali 27 maggio, 1929 in re "La Polizia vs. Tancredi Laferla et.", Kollez. Vol. XXVII, parte IV, paġ. 724; Appell Kriminali 27 maggio, 1929 in re "La Polizia vs. S. Ciappara"; Appell Kriminali 1 agosto, 1929 in re "La Polizia vs. Michele Pace Azzopardi", Kollez. Vol. XXVII, parte IV, paġ. 730; Appell Kriminali 14 dicembre, 1933, in re "La Polizia vs. Giorgio Xuereb"; Appell Kriminali 14 ta' Ġunju, 1952 in re "Il-Pulizija vs. Francesca Catania et."; u Qorti Kriminali (komposta minn tliet Imħallfin), 12 ta' Marzu, 1935, in re "Rex vs. Vincenzo Agius", Kollez. Vol. XXIX, parti IV, paġ. 391);

Kif ġie ritenut b'dawn is-sentenzi, l-art. 401 (qabel 388) tal-Kodiċi Kriminali għandu jiġi nterpretat fis-sens li l-Qorti tal-Maġistrati tista' minn Qorti ta' Ġudikatura tikkonverti ruħha f'Qorti Istruttorja meta l-fatt "imputat", u mhux il-fatt "*riżultat*", *ikun ta' kompetenza* eċċedenti dik tagħha bħala Qorti ta' Kriminali Ġudikatura. Kieku ma kienx hekk, il-konsegwenza tkun ta' aggravju fil-pożizzjoni ta' l-akkużat — ħaġa li ċertament mhix konformi għall-prinċipji tal-ġustizzja kriminali. Infatti, huwa kanoni ta' din il-ġustizzja *li ħadd* ma jista' jiġi punit għal reat iżjed gravi minn dak li għalih ġie akkużat, billi l-akkuża għal reat minuri tikkostitwixxi għall-akkużat dritt kweżit li ma jistax jiġi ritenut ħati ta' reat iżjed gravi, jiġifieri ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali;

Ikkunsidrat;

Illi l-Avukat tal-Kuruna ssottomettà li ċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tista' tiġi mibdula, u għalhekk l-akkuża fiha kontenuta tista' tiġi varjata. Huwa fatt illi fil-ġudizzji sommarji quddiem dik il-Qorti jistgħu jsiru xi korrezzjonijiet *fiċ-ċitazzjoni*, billi din hija sempliċement ordni ta' komparizzjoni, kif ukoll li l-enunċjazzjoni tal-fatti fiha kontenuti ma tikkostitwixxix il-bażi essenzjali u assoluta tal-inkriminazzjoni (Appell Kriminali 12 ta' Awissu, 1916, in re "La Polizia vs. Ashby, u 12 ta' Jannar, 1918 in re "La Polizia vs. Debono"); iżda, kif ġie ritenut bis-sentenzi preċedentement ċitati, dana l-prinċipju għandu jiġi limitat għall-każ meta r-reat divers riżultat jibqa' dejjem ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Kriminali Ġudikatura, u ma jistax jiġi estiż fis-sens li jawtorizza lill-Qorti tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Istruzzjoni fuq akkuża iżjed gravi, bħal ma għamlet il-Qorti tal-Maġistrati fil-każ in eżami. Il-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati ttrasformat ruħha f'Qorti Istruttorja fuq il-fatt "riżultat", minflok fuq il-fatt "dedott" biss, jikkostitwixxi alterazzjoni tal-akkuża bi preġudizzju tad-dritt kweżit tal-imputat li ġie favur tiegħu bl-akkuża kif oriġinarjament formulata;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba. u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi;

Tilqa' l-eċċezzjoni sollevata mill-akkużata Marianna Attard, u tiddikjara null l-att tal-akkuża maħruġ kontra tagħha, li jġib in-numru 9069, peress li ġie maħruġ fuq atti ta' istruzzjoni nulli.